23 ta' Mejju, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Falzon ne. *versus* Avv. Dr. Joseph A. Micallef et. ne.

**Bejgħ — "Hire Purchase System" — Kondizzjoni Riżolutiva — Patt Kommissorju — Ekwipollenza — Art. 1110 u 1111 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Bejgħ ta' karrozza b'dilazzjoni għall-ħlas tal-prezz, fejn ma jinżammx ebda patt fis-sens li l-proprjetà tal-karrozza tibqa' tal-venditur u ma tgħaddix għand ix-xerrej qabel ma jkun tħallas il-prezz kollu, huwa bejgħ sempliċi, u mhux bejgħ bil-"hire purchase system".*

*Il-patt li l-karrozza tiġi restitwita lill-venditur fin-nuqqas ta' ħlas tar-rati kif miftehma ma jammontax għal kondizzjoni riżolutiva, imma għal patt kommissorju. Hemm differenza bejn il-kondizzjoni riżolutiva u l-patt kommissorju; għax fil-waqt li l-verifika tal-kondizzjoni riżolutiva ġġib ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ "ipso jure", fil-każ tal-patt kommissorju, espress jew taċitu, l-obligazzjoni ma tispiċċax "ipso jure", imma hemm bżonn li jintalab u jiġi akkordat mill-Qorti x-xoljiment ta' l-obligazzjoni. U fil-każ li l-patt kommissorju jkun taċitu, il-Qorti tista' anki tagħti żmien raġjonevoli lid-debitur skond iċ-ċirkustanzi.*

*Għaldaqstant il-venditur, meta jitlob ir-restituzzjoni tal-karrozza minħabba nuqqas tal-ħlas tar-rati miftiehma, proprjament għandu jippremetti għal dik il-domanda t-talba għax-xoljiment tal-bejgħ. Imma mill-banda l-oħra, skond il-kriterji l-lum segwiti mill-ġurisprudenza tagħna, it-talba għar-restituzzjoni tal-karrozza timplika "per equipollens" it-talba għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ; u għalhekk ma hix nulla ċ-ċitazzjoni li fiha t-talba għar-restituzzjoni tal-karrozza ma tkunx preċeduta mit-talba għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ.*

*Il-patt kommissorju, meta javvera ruħu, għandu, bħal kondizzjoni riżolutiva, effett retroattiv, saħansitra fil-konfront tat-terzi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-attur, bi skrittura privata tat-12 ta' Diċembru 1951 biegħ lill-konvenut nomine karrozza Morris nru. 1580 bil-prezz ta' £450, li kellhom jitħallsu in kwantu għal £40 dak il-ħin li sar il-ftehim, in kwantu għal £90 oħra fi żmien xahar, u l-bilanċ f'rati mensili ta' £15, bl-imgħaxijiet tas-6%, l-ewwel pagament isir fil-31 ta' Diċembru 1951, u bil-kondizzjoni li, jekk ma jitħallsux l-ewwel żewġ pagamenti fuq imsemmija, il-karrozza tiġi restitwita lill-attur; u billi l-konvenut Whittle ħallas is-somma ta' £40 li kellha titħallas fuq il-kuntratt, u ħallas ukoll £30 akkont ta' l-ewwel pagament ta' £90, iżda naqas li jħallas il-bilanċ tad-£90 kif ukoll ir-rati l-oħra; u billi l-kovenut Whittle inkarika lill-attur biex jixtrilu żewġ tyres li swew £16 u biex iħallaslu l-Insurance li swiet £17; u billi l-konvenut Whittle siefer u b'hekk naqqas ukoll il-garanzija ta' l-attur għall-pagament tas-somma lilhu dovuta; talab li l-konvenut nomine jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti (1) jirrestitwixxi lill-attur il-karrozza Morris Oxford nru. 1580 fuq imsemmija, u (2) jħallsu s-somma ta' £33, li huma in kwantu ta' £17 prezz għal żewġ tyres u in kwantu għal £17 ħlas ta' l-Insurance fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni, u bl-imgħaxijiet legali minn notifika tal-preżenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut u l-ammess fil-kawża "in statu et terminis" eċċepew l-irritwalità taċ-ċitazzjoni billi l-attur ma talabx ix-xoljiment tal-bejgħ; minn naħa l-oħra l-attur jippretendi li dik id-domanda ma kienetx meħtieġa, billi l-karrozza ġiet minnu mibjugħa lil Peter Price Whittle bil-"hire purchase system", u għalhekk il-proprjetà tagħha qatt ma għaddiet fix-xerrej, peress li dana ma ħallasx il-prezz intier;

*Illi, f'dina l-kontestazzjoni*, huwa dmir tal-*Qorti li teżamina* n-natura tan-negozju li sar bejn l-attur u l-imsemmi Whittle. Mill-atti tal-kawża li għaliha saret *riferenza* jirri-

żulta........;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-bejgħ fuq imsemmi jikkostitwixxi bejgħ b'dilazzjoni għall-ħlas tal-prezz, u mhux bejgħ bil-"hire purchase system". Difatti ebda patt ma sar fis-sens li l-proprjetà tal-karrozza tibqa' fil-venditur u li tgħaddi fix-xerrej meta jkun tħallas il-prezz tagħha. Anzi għar-restituzzjoni tal-karrozza ġie kontemplat biss il-każ li x-xerrej ma jħallasx l-ewwel żewġ rati; u b'hekk jidher li l-karrozza saret tax-xerrej, bl-obligu li jħallas il-prezz tagħha bir-rati mifthema kif fuq;

Illi, kif esprimew ruħhom il-partijiet, jidher li huma riedu jistipulaw, mhux kondizzjoni riżolutiva, iżda l-patt kommissorju, li huwa wisq differenti. Difatti l-kondizzjoni riżolutiva tirrisolvi l-obligazzjoni "ipso jure" (art. 1110 Kod. Ċiv.), u l-Qorti ma tistax tagħti lid-debitur ebda żmien biex jippurga l-mora; mentri, trattandosi ta' patt kommissorju espress jew taċitu, skond il-liġi tagħna, l-obligazzjoni ma tispiċċax "ipso jure", iżda hemm bżonn li jintalab u jiġi akkordat mill-Qorti x-xoljiment ta' l-obligazzjoni; u f'każ ta' patt kommissorju taċitu, il-Qorti tista' tagħti lid-debitur żmien raġjonevoli skond iċ-ċirkustanzi (art. 1111 Kod. Ċiv.);

Illi, peress li fil-każ tagħna si tratta ta' patt kommissorju espress, mhux applikabili l-art. 121 (Kod. Kumm.), fejn hu kontemplat il-każ tal-patt kommissorju taċitu, u anki għaliex non si tratta ta' obligazzjoni kummerċjali għall-inadempiment. Difatti, skond il-kommentaturi tal-liġi taljana, simili għall-liġi maltija, "la parte inadempiente deve avere assunto nel contratto un impegno, una obbligazione, che per essa abbia carattere commerciale, o perchè si tratta di contratto oggettivamente e soggettivamente commerciale per amendue i contraenti, oppure perchè l'atto è oggettivamente e soggettivamente commerciale per l'inadempiente soltanto, e quindi si tratti di contratto non semplicemente sottoposto alla legge commerciale perchè materia commerciale, bensì di obbligazione che ha carattere commerciale, oggettivo e soggettivo, per l'inadempiente" (Bolaffio e Vivante, Il Codice di Commercio Commentato, Vol. II, art. 42, pag. 287). Issa, ma jirriżultax li, għall-pretiż inadempjent Peter Price Whittle,

l-obligazzjoni tiegħu hija kummerċjali fis-sens fuq miġjub — ħaġa rjkonoxxuta *mill-istess attur, li ħarrek lid-debitur* quddiem din il-Qorti;

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza li l-attur, proprjament, u salv dak li sejjer jingħad 'il quddiem, kien imissu talab "expressis verbis" ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ. Iżda jekk wieħed jeżamina l-każ bil-kriterji l-lum akkolti anki mill-ġurisprudenza tagħna, isib li huwa talab "per equipollens" dana x-xoljiment meta ppretenda li jieħu lura l-karrozza — restituzzjoni li, skond il-ftehim, keilha ssir f'każ ta' inadempjenza *tax-xerrej. Wara kollox, it-talba tar-riżoluzzjoni* ma għandhiex tirriżulta minn espressjonijiet sakramentali, iżda biżżejjed li tirriżulta minn kliem ekwipollenti;

Illi, del resto, dina r-riżoluzzjoni lanqas kien hemm bżonn tintalab, għaliex il-kontraenti jaqblu, sija pure għal motivi differenti, li l-bejgħ għandu jiġi riżolut. Difatti fil-kawża l-oħra x-xerrej talab anki hu r-riżoluzzjoni tal-bejgħ; bil-konsegwenza li ma kienx iżjed indispensabili li tiġi premessa talba li fuqha l-partijiet qablu (ara f'dan is-sens Kollez. Vol. XXIV—I—615);

Illi xejn ma jiswa li dina l-kawża qegħedha tiġi kontestata wkoll minn Joseph Mizzi, li huwa terz u estraneu għall-imsemmi ftehim; għaliex il-patt kommissorju, meta javvera ruħu, huwa bħal kondizzjoni riżolutiva, għandu effett retroattiv saħansitra fil-konfront tat-terzi (Pacifici Mazzoni, Isitituzioni, Vol. IV, §93, paġ. 176);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità opposta mill-konvenuti u *mill-ammess "in statu et terminis"*;

L-ispejjeż, in vista tal-partikularità tal-każ, jibqgħu min-għajr taxxa;

Il-kawża tibqa' differita għall-20 ta' Ġunju 1953 biex titkompla.